MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru. 429/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Luke Calleja**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Luke Calleja iben Emanuel u Anna nee Borg imwieled fil-15 ta’ Gunju 1991 u residenti f’No 35, Pjazza Darnin, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 307591M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta’ bejn is-27 u 28 ta’ Jannar 2011 gewwa San Pawl il-Bahar:

1. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument GM1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------